

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU**

tal-20 ta' Jannar 2011

li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BERS/2011/1)

(2011/C 58/04)

(ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-12 ta' Ottubru 2016	C 437	8	25.11.2016
► <u>M2</u>	Deċiżjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-31 ta' Marzu 2017	C 124	3	21.4.2017



DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tal-20 ta' Jannar 2011

li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew

(BERS/2011/1)

(2011/C 58/04)

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Dawn ir-Regoli tal-Proċedura ser jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 meta jinqara flimkien mar-Regolament (UE) Nru 1096/2010. It-termini f'dawn ir-Regoli tal-Proċedura ser ikollhom l-istess tifsira bħal fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1096/2010.

TITOLU 1

ORGANIZZAZZJONI

KAPITOLU I

Il-Bord Ġenerali

Artikolu 2

Laqgħat tal-Bord Ġenerali

1. Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi dwar id-dati tal-laqgħat ordinarji tiegħu fuq proposta mill-President tal-BERS. Il-laqgħat ordinarji tal-Bord Ġenerali għandhom, fil-prinċipju, iseħħu skont skeda illi l-Bord Ġenerali għandu jiffissa biżżejjed żmien qabel il-bidu ta' kull sena kalendarja. Laqgħat ordinarji addizzjonali jistgħu jiżdiedu mal-kalendarju matul is-sena.

2. B'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, laqgħat straordinarji jistgħu jissejġu mill-President jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri tal-Bord Ġenerali bid-dritt tal-vot. Bħala regola l-Bord għandu jsejjaħ laqgħat straordinarji mill-anqas jumejn kalendarji bil-quddiem, sakemm ma jinżammux permezz ta' telekonferenza, f'liema każ jistgħu jissejġu jum bil-quddiem.

3. Il-laqgħat tal-Bord Ġenerali jistgħu jsiru permezz ta' telekonferenza, sakemm: (i) mill-anqas ħames membri tal-Bord Ġenerali bid-dritt tal-vot ma joġġezzjonawx għal telekonferenza fil-laqgħat ordinarji; jew (ii) mill-anqas 10 membri tal-Bord Ġenerali bid-dritt tal-vot ma joġġezzjonawx għal telekonferenza fil-laqgħat straordinarji.

Artikolu 3

Sħubija

1. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-BERS bl-ismijiet tar-rappreżentanti għolja

▼B

rispettivi tagħhom jew, fejn xieraq, ir-rappreżentanti komuni maħturin minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti bħala membri tal-Bord Ġenerali mingħajr dritt tal-vot, u jindikaw l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li lilhom jappartjenu.

2. Is-Segretarjat tal-BERS għandu jżomm u jaġġorna lista ta' awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti u r-rappreżentanti tagħhom fil-Bord Ġenerali. Kull bidla għal din il-lista għandha tiġi nnotifikata lis-Segretarjat tal-BERS.

Artikolu 4

Attenzenza fil-laqgħat tal-Bord Ġenerali

1. Għajr għal dak stipulat fl-Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, huma biss il-membri msemija fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 li jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-Bord Ġenerali.

2. Minbarra l-membri bid-dritt tal-vot u l-President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, rappreżentant għoli wieħed biss tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għal kull Stat Membru ser ipoġġi mal-mejda prinċipali matul id-diskussjonijiet dwar punti li għalihom huwa jkun inħatar bħala r-rappreżentant nazzjonali; ir-rappreżentanti l-oħra tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jattendu bħala osservaturi. Fl-assenza ta' rappreżentant komuni, ir-rappreżentanti maħtura tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jikkomunikaw bejniethom u jinformat lis-Segretarjat tal-BERS, mill-anqas ħamest ijiem kalendarji, bil-punti fuq l-aġenda tal-laqgħa tal-Bord Ġenerali li fiha ser jipparteċipaw. Fejn punti jaqgħu taħt il-kompetenza ta' żewġ awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew aktar, iridu jiġu konklużi arranġamenti speċjali bejniethom dwar kif tiġi implimentata r-regola tar-rotazzjoni fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Fejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali ma jilħqux ftehim dwar l-implimentazzjoni tar-regola tar-rotazzjoni, il-Membru tal-BERS mill-bank ċentrali nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv għandu jiddeċiedi, qabel kull laqgħa, liema rappreżentant għandu jpoġġi mal-mejda prinċipali għall-punti rispettivi u għandu jinforma lir-rappreżentanti skont il-każ.

3. Membru li ma jistax jattendi jista' jaħtar sostitut bil-miktub biex jattendi għal-laqgħa mingħajr id-dritt tal-vot. Membri alternattivi jistgħu jinħatru biex jipparteċipaw f'laqgħat bid-dritt tal-vot fejn il-membri tal-BERS fil-kariga jkun wrew l-inabbiltà tagħhom biex jattendu għal laqgħat għal tliet xhur. Il-ħatra ta' membru alternattiv jew ta' sostitut u l-parteċipazzjoni ta' persuna li qed takkumpanja għandhom jiġu notifikati bil-miktub lis-Segretarjat tal-BERS fiż-żmien dovut qabel il-laqgħa. Fl-assenza tal-President, l-ewwel Viċi-President għandu jippresiedi l-Bord Ġenerali. Fl-assenza tat-tnejn, it-tieni Viċi-President għandu jippresidih. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u ż-żewġ Viċi-Presidenti tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandhom jaħtu l-membri alternattivi tagħhom jew is-sostituti minn fost il-membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv. Il-Viċi-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jkun il-membru alternattiv jew is-sostitut tal-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv.

4. Membri tal-Bord Ġenerali, il-membri alternattivi tagħhom jew is-sostituti jistgħu jkun akkumpanjati minn persuna waħda. Il-proċeduri għandhom jixxandru f'kamra tal-laqgħat separata għal dawn il-persuni li jakkumpanjaw.

▼ B

5. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jassisti lill-President tal-BERS fit-tmexxija tad-deliberazzjonijiet u l-voti.

▼ M2

6. Il-President tal-BERS jista', skont l-Artikolu 9(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, jistieden lil persuni oħra fuq bażi *ad hoc* għal punti speċifiċi tal-aġenda fuq proposta mill-President jew minn membri oħra tal-Bord Ġenerali, fejn xieraq u bla ħsara għall-konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

7. Skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 198/2016 ⁽¹⁾ il-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Islanda u n-Norveġja, u fir-rigward tal-Liechtenstein, rappreżentant f'livell għoli tal-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll rappreżentant f'livell għoli tal-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), għandhom ikunu membri tal-Bord Ġenerali mingħajr drittijiet ta' vot. Membru tal-kulleġġ tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA, jista' jipparteċipa fil-laqgħat tal-Bord Ġenerali mingħajr drittijiet ta' vot, meta dan ikun rilevanti għall-kompiti tiegħu.

▼ B*Artikolu 5***Organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Bord Ġenerali**▼ M2

1. Il-President tal-BERS għandu jfassal aġenda preliminari għal laqgħa ordinarja tal-Bord Ġenerali u jippreżentaha lill-Kumitat ta' Tmexxija għall-konsultazzjoni mill-anqas tmint ijiem kalendarji qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija flimkien mad-dokumentazzjoni relatata. Wara dan, il-President għandu jippreżenta l-aġenda provviżorja lill-membri tal-Bord Ġenerali flimkien mad-dokumentazzjoni relatata mill-anqas 10 jiem kalendarji qabel il-laqgħa tal-Bord Ġenerali. Meta jkun qed jiġi ppjanat ix-xogħol u jitħejjew l-aġendi tal-laqgħat tal-Bord Ġenerali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li dawk il-membri li qed jipparteċipaw bis-saħħa tal-Artikolu 4(7) jistgħu jintalbu biex ma jipparteċipawx fil-laqgħat tal-Bord Ġenerali, meta tiġi diskussa s-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

▼ B

2. Il-Bord Ġenerali jista' jiddeċiedi li jneħħi jew iżid punti mal-aġenda provviżorja fuq proposta mill-President jew minn xi membru ieħor tal-Bord Ġenerali. Kull proposta għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha tiġi kkomunikata lill-membri kollha tal-Bord Ġenerali. Fil-bidu ta' kull laqgħa, il-Bord Ġenerali, fuq proposta mingħand il-President tal-BERS, għandu jadotta l-aġenda. Punt għandu jitneħħa wkoll mill-aġenda fuq talba tal-President tal-BERS jew ta' mill-anqas ħames membri tal-Bord Ġenerali jekk id-dokumenti relatati ma jkunux ġew ippreżentati lill-membri tal-Bord Ġenerali fil-ħin dovut.

▼ M2

2a. Wara li jirċievi l-aġenda provviżorja kull membru jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol tal-BĊE, jissottometti talba lis-Segretarjat tal-BERS sabiex jiġi diskuss punt tal-aġenda mingħajr il-parteċipazzjoni

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 198/2016 tat-30 ta' Settembru 2016 li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE [2017/275] (ĠU L 46, 23.2.2017, p. 1).

▼M2

ta' dawk il-membri li qed jipparteċipaw bis-saħħa tal-Artikolu 4(7), meta tiġi diskussa s-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. L-identità tar-rappreżentant li jagħmel it-talba għandha tibqa' anonima.

▼B

3. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jħejji l-abbozz tal-minuti tal-proċeduri tal-Bord Ġenerali. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll referenza għad-dokumenti ppreżentati lill-Bord Ġenerali, verbal tad-deċiżjonijiet adottati u/jew tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Bord Ġenerali u l-lista ta' dawk li attendew.

▼M1

4. Il-President tal-BERS għandu jippreżenta l-abbozz tal-minuti lill-membri tal-Bord Ġenerali għall-kummenti u l-approvazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara l-laqgħa jew, jekk dan mhux possibbli, fil-laqgħa ta' wara. Meta jiġu approvati, għandhom jiġu ffirmati mill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS.

▼B

5. Il-proċeduri tal-Bord Ġenerali għandhom ikunu kunfidenzjali

6. F'każ ta' laqgħa straordinarja tal-Bord Ġenerali, l-iskadenzi msemmijin fl-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 5(1) ta' dawn ir-Regoli jistgħu jitqassru.

*Artikolu 6***Modalitajiet tal-votazzjoni tal-Bord Ġenerali**

1. Il-Bord Ġenerali għandu jivvota fuq talba tal-President tal-BERS. Il-President għandu jniedi wkoll proċedura ta' votazzjoni fuq talba mingħand kwalunkwe membru tal-Bord Ġenerali bid-dritt tal-vot.

2. B'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, kworum ta' terz tal-membri bid-dritt tal-vot għandu jkun meħtieġ biex vot jittieħed mill-Bord Ġenerali. Jekk il-kworum ma jintlaħaqx, il-President tal-BERS jista' jsejjaħ laqgħa straordinarja li fiha jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet bi kworum ta' terz; l-Artikolu 2(2) għandu japplika.

3. Il-President tal-BERS jista' jniedi votazzjoni sigrieta jekk mitlub jagħmel dan minn tal-anqas ħames membri tal-Bord Ġenerali bid-dritt tal-vot. Votazzjoni sigrieta għandha ssir dejjem għall-voti tal-Bord Ġenerali relatati ma' persuni.

4. Deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu wkoll permezz ta' proċedura bil-miktub, sakemm ma joġġezzjonawx tal-anqas ħames membri tal-Bord Ġenerali. Proċedura bil-miktub għandha teħtieġ: (i) bħala regola mhux anqas minn ħamest ijiem ta' xogħol biex tiġi kkunsidrata minn kull membru tal-Bord Ġenerali; u (ii) il-firma personali ta' kull membru tal-Bord Ġenerali bid-dritt tal-vot, jew tal-membri alternattivi tagħhom skont l-Artikolu 9(3) ta' Regolament (UE) Nru 1092/2010; u (iii) verbal ta' kwalunkwe deċiżjoni bħal dik fil-minuti tal-laqgħa sussegwenti tal-Bord Ġenerali.



KAPITOLU II

L-Ewwel Viċi-President

Artikolu 7

Elezzjoni tal-Ewwel Viċi-President

L-elezzjoni tal-Ewwel Viċi-President tal-BERS, msemija fl-Artikolu 5(2) ta' Regolament (UE) Nru 1092/2010, għandha sseħħ kif ġej:

- (a) l-entità elettoralali għandha tkun magħmula mill-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) *ad personam*;
- (b) il-President tal-BERS, bħala President tal-BĊE, għandu jistieden lill-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE għal laqgħa tal-elezzjoni b' tal-anqas 15-il jum kalendarju avvż bil-quddiem. Il-President għandu jistaqsi wkoll għal espressjonijiet tal-interess mingħand il-membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Is-Segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE għandu jaġixxi fuq bażi *ad hoc* bħala Segretarju tal-entità elettoralali.
- (c) il-President tal-BERS għandu jippreżenta l-lista ta' kandidati għall-Ewwel Viċi-President lill-entità elettoralali fuq il-bażi tal-espressjonijiet ta' interess riċevuti sal-ftuħ tal-laqgħa elettoralali;
- (d) l-Ewwel Viċi-President għandu jkun elett b'votazzjoni sigrieta. Fejn hemm kandidat wieħed biss, l-Ewwel Viċi-President għandu jkun elett b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħin. Fejn hemm aktar minn kandidat wieħed, il-President tal-BERS għandu jipproċedi għal votazzjonijiet sigrieti suċċessivi. Fejn fl-ewwel votazzjoni, l-ebda wieħed mill-kandidati ma jirċievi maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħin, it-tieni votazzjoni għandha tinkludi ż-żewġ kandidati bl-ogħla numru ta' voti. F'każ ta' parità bejn il-kandidati kklassifikati fit-tieni post, huma għandhom ikunu intitolati kollha biex jipparteċipaw fit-tieni votazzjoni;
- (e) fejn it-tieni votazzjoni ma tirriżultax f'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħin għal xi kandidat, il-kandidat bl-ogħla numru ta' voti għandu jiġi elett.

KAPITOLU III

Il-Kumitat ta' Tmexxija

Artikolu 8

Sħubija

1. Membri tal-Bord Ġenerali li huma membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE, bl-eċċezzjoni tal-President tal-BERS, l-Ewwel Viċi-President tal-BERS u l-Viċi-President tal-BĊE, għandhom ikunu kandidati eliġibbli għall-elezzjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija msemmi fl-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

2. Filwaqt li jikkunsidra n-numru ta' Stati Membri fi ħdan u barra ż-żona tal-euro fil-ħin tal-elezzjoni, l-entità elettoralali magħmula mill-membri tal-Bord Ġenerali li huma wkoll membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE għandha konsegwentement tiddetermina n-numru ta' membri

▼B

tal-Kumitat ta' Tmexxija msemmi fl-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Għal dan il-għan, l-entità elettorali għandha tirrawndja 'l fuq jew 'l isfel sal-eqreb numru sħiħ.

3. Filwaqt li jikkunsidra d-deċizzjoni tal-Bord Ġenerali msemmija aktar 'il fuq, il-President tal-BERS għandu jistaqsi għal espressjonijiet ta' interess mingħand kandidati eliġibbli sa mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel l-elezzjoni. Il-President tal-BERS għandu jippreżenta l-lista ta' kandidati lill-Bord Ġenerali fuq il-bażi tal-espressjonijiet ta' interess riċevuti qabel il-ftuħ tal-laqgħa msejħa għall-elezzjoni.

4. Il-President għandu jorganizza votazzjoni sigrieta waħda jew aktar, li r-risultat tagħhom għandu jkun illi l-kandidati eliġibbli li jirċievu l-ogħla numru ta' voti jiġi eletti skont il-proporzjon mitlub taħt il-paragrafu 2. F'każ ta' parità, iseħħu votazzjonijiet suċċessivi. Meta jkun qed jivvutaw, il-membri tal-Bord Ġenerali li huma membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE għandhom jaraw li jiżguraw rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-Istati Membri.

5. Maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri tal-Bord Ġenerali li huma membri tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE preżenti fil-laqgħa tal-Bord Ġenerali għandha tkun meħtieġa biex teleġġi kull wieħed mill-erba' membri msemmin fil-paragrafu 1.

Artikolu 9

Organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija

1. Il-President tal-BERS għandu jippresiedi l-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija.

2. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddeċiedi dwar id-dati tal-laqgħat tiegħu fuq proposta mingħand il-President tiegħu. Laqgħat ordinarji għandhom, bħala regola, iseħħu fi żmien l-erba' ġimgħat li jippreċedu l-laqgħa tal-Bord Ġenerali.

3. Il-laqgħat jistgħu jsiru wkoll permezz ta' telekonferenza, sakemm: (i) mill-anqas ħames membri tal-Kumitat ta' Tmexxija ma joġġezzjonawx għal telekonferenza fil-laqgħat ordinarji; (ii) mill-anqas 10 membri tal-Kumitat ta' Tmexxija ma joġġezzjonawx għal telekonferenza fil-laqgħat straordinarji.

4. Il-President tal-Kumitat ta' Tmexxija jista' jistieden ukoll lil persuni oħra biex jattendu għal-laqgħat tiegħu fuq proposta mingħand il-President jew mingħand membri oħra tal-Kumitat ta' Tmexxija, fejn xieraq u bla ħsara għall-konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità.

5. Membru tal-Kumitat ta' Tmexxija li ma jistax jattendi għal laqgħa jista' jaħtar membru alternattiv bil-miktub. Bħala regola l-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jinbidel minn wieħed miż-żewġ Viċi-Presidenti tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv. Il-Viċi-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jkun il-membru alternattiv tal-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jiġi nnotifikat bil-miktub b'dawn il-bidliet fiż-żmien dovut qabel il-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija.

▼B*Artikolu 10***Aġenda u proċeduri**

1. L-aġenda għal kull laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija għandha tkun proposta mill-President tal-BERS u tiġi adottata fil-bidu tal-laqgħa mill-Kumitat ta' Tmexxija. Aġenda provviżorja għandha titfassal mill-President tal-BERS u għandha, fil-prinċipju, tintbagħat, flimkien mad-dokumenti relatati, lill-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-anqas 10 jiem kalendarji qabel il-laqgħa. Il-membri kollha tal-Kumitat ta' Tmexxija jistgħu jipproponu punti u dokumenti lill-President għall-kunsiderazzjoni mill-Kumitat ta' Tmexxija.

▼M2

2. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jeżamina bil-quddiem punti fuq l-aġenda preliminari għal laqgħa tal-Bord Ġenerali flimkien mad-dokumentazzjoni rilevanti. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiżgura t-tnejn tal-inkartamenti għall-Bord Ġenerali u, fejn xieraq, għandu jipproponi għażliet jew soluzzjonijiet. Meta jkun qed jippjana x-xogħol u jipprepara l-aġendi tal-laqgħat tal-Bord Ġenerali għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li dawk il-membri li qed jipparteċipaw bis-saħħa tal-Artikolu 4(7) jistgħu jintalbu biex ma jipparteċipawx fil-Bord Ġenerali, meta tiġi diskussa s-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jirrapporta fuq bażi kontinwa lill-Bord Ġenerali dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-BERS.

▼M1

3. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jħejji abbozz tal-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija u jippreżentah għal kummenti u approvazzjoni lill-membri tal-Kumitat ta' Tmexxija permezz ta' proċedura bil-miktub, bħala regola qabel il-laqgħa tal-Bord Ġenerali li tmiss. Il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS.

▼B

4. Il-President tal-BERS għandu jkun responsabbli għas-segwitu ta' kull punt t'azzjoni maqbul mill-Kumitat ta' Tmexxija, inkluża t-trażmissjoni tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija lill-entitajiet l-oħra tal-BERS.

5. Il-minuti, l-attivitajiet u d-diskussjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija għandhom ikunu kunfidenzjali.

*KAPITOLU IV****Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv****Artikolu 11***Sħubija**

1. Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jipproponi l-15-il espert biex jiġu approvati mill-Bord Ġenerali taħt l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 skont il-prinċipji tal-pubbliċità, it-trasparenza, l-aċċess ugwali u n-non-diskriminazzjoni. Deċiżjoni tal-Bord Ġenerali għandha tispeċifika l-proċeduri u r-rekwiżiti għall-għażla, il-ħatra u s-sostituzzjoni tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv.

▼B

2. Il-President tal-BERS għandu jipproponi l-President u l-ewwel u t-tieni Viċi-Presidenti minn fost l-esperti maħtura bħala membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għall-ħatra mill-Bord Ġenerali, skont l-Artikoli 7(20 u 12 (2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Il-President u ż-żewġ Viċi-Presidenti tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Il-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv ma jistax jinħatar bħala l-President jew Viċi-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv.

3. Il-presidenza għandha tkun f'rotazzjoni bejn il-President u ż-żewġ Viċi-Presidenti maħtur kull 16-il xahar.

4. Il-Bord Ġenerali tal-BERS għandu jkun ikkonsultat dwar it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-BĊE għar-remunerazzjoni u r-rimborż tal-ispejjeż tal-15-il espert imsemmi aktar 'il fuq fi ħdan il-baġit allokat mill-BĊE għal dak il-għan.

5. Il-lista tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandha tkun ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BERS.

*Artikolu 12***Organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv**

1. Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jiltaqa' mill-inqas darb-tejn fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv.

2. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jipproponi aġenda, mħejjija skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, u jippreżentaha lill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għall-approvazzjoni.

3. Is-Segretarjat tal-BERS għandu jassisti lill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jattendi għall-laqgħat tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u jagħmel il-minuti, li għandhom ikunu ppreżentati għall-kummenti u l-adozzjoni fil-laqgħat sussegwenti, jew approvati qabel permezz ta' proċedura bil-miktub.

4. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jirrapporta lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija.

5. Il-minuti, l-attivitajiet u d-diskussjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandhom ikunu kunfidenzjali. Ir-rapporti tiegħu jistgħu jkunu ppubblikati fejn dan ikun awtorizzat mill-Bord Ġenerali.

*KAPITOLU V****Il-Kumitat Tekniku Konsultattiv****Artikolu 13***Organizzazzjoni ta' laqgħat**

1. Il-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jiltaqa' mill-inqas erba' darbiet fis-sena. Il-laqgħat għandhom jissejħu mill-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv.

▼B

2. L-awtoritajiet parteċipanti għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-BERS bl-ismijiet tar-rappreżentanti tagħhom. Fejn xieraq, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-BERS bl-isem tar-rappreżentant komuni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali maħtur u bl-awtorità li għaliha jappartjenti. Is-Segretarjat tal-BERS għandu jżomm u jaġġorna lista ta' dan. Kull bidla għal din il-lista għandha tiġi nnotifikata lis-Segretarjat tal-BERS.

▼M2

2a. Rappreżentant wieħed tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Islanda u n-Norveġja, u, fir-rigward tal-Liechtenstein, rappreżentant tal-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll rappreżentant tal-awtorità superviżorja nazzjonali kompetenti ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv.

▼B

3. Fl-assenza ta' rappreżentant komuni tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti, rappreżentant wieħed biss tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għal kull Stat Membru għandu jpoġġi mal-mejda prinċipali matul id-diskussjonijiet dwar punti li għalihom huma jkun nħatru bħala r-rappreżentant nazzjonali; ir-rappreżentanti l-oħra tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għandhom jattendu bħala osservaturi. Fejn punti jaqgħu taħt il-kompetenza ta' żewġ awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew aktar, iridu jiġu konklużi arranġamenti speċjali bejniethom dwar kif tiġi implimentata r-regola tar-rotazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Fejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali ma jilhqx ftehim dwar l-implimentazzjoni tar-regola tar-rotazzjoni, ir-rappreżentant tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv għandu jiddeċiedi, qabel kull laqgħa, liema rappreżentant għandu jpoġġi mal-mejda prinċipali għall-punti rispettivi u għandu jinforma lir-rappreżentanti dwar dan.

4. Il-President tal-BERS għandu jipproponi lill-Bord Ġenerali lista qasira ta' tliet persuni, inklużi membri tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv jew uffiċjali għolja tal-istituzzjonijiet membri tal-BERS, bħala kandidati għall-pożizzjoni ta' President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv. Il-President tal-BERS għandu jorganizza votazzjoni sigrieta u għandu jaħtar lill-kandidat li jirċievi l-ogħla numru ta' voti mill-membri tal-Bord Ġenerali. Il-mandat tal-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv huwa ta' tliet snin u għandu jkun jiġġedded.

5. Il-membri tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandhom jeleġġu minn fosthom il-Viċi-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv. L-elezzjoni għandha ssir permezz ta' votazzjoni sigrieta u b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa. Ir-rappreżentant tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv ma jistax jiġi elett Viċi-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv. Il-mandat tal-Viċi-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv huwa ta' tliet snin u għandu jkun jiġġedded.

6. Il-President tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv għandu jaħtar lil wieħed mill-membri tal-kumitat tiegħu li mhuwiex il-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv u lilu nnifsu bħala membru tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv. Ir-rappreżentant tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv jista' jvarja skont il-punti diskussi fil-Kumitat Tekniku Konsultattiv.

▼M2

7. Il-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jipproponi aġenda mill-anqas 10 ijiem kalendarji qabel il-laqgħa, imħejjija skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, u li għandha tiġi ppreżentata lill-Kumitat Tekniku Konsultattiv għall-approvazzjoni. Dokumenti għal punti tal-aġenda għandhom ikunu disponibbli għall-membri kollha tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv mis-Segretarjat tal-BERS. Meta jkun qed jippjana x-xogħol u jipprepara l-aġendi tal-laqgħat tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li daww il-membri li qed

▼M2

jipparteċipaw bis-saħħa tal-Artikolu 13(2a) jistgħu jintalbu biex ma jipparteċipawx fix-xogħol tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv, meta tiġi diskussa s-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. Wara li jirċievi l-aġenda provviżorja kull membru jista', fi żmien tliet ijiem tax-xogħol tal-BĊE, jissottometti talba lis-Segretarjat tal-BERS sabiex jiġi diskuss punt tal-aġenda mingħajr il-parteeċipazzjoni ta' dawk il-membri li qed jipparteċipaw bis-saħħa tal-Artikolu 13(2a), meta tiġi diskussa s-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni jew tal-Istati Membri. L-identità tar-rappreżentant li jagħmel it-talba għandha tibqa' anonima.

▼B

8. Il-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jkun assistit mis-Segretarjat tal-BERS. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jagħmel il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv, li għandhom jiġu ppreżentati għall-kummenti u l-adozzjoni sa mhux aktar tard minn għimagnetjn wara l-laqgħa jew, jekk dan mhux possibbli, fil-laqgħa sussegwenti.

9. Il-President tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandu jirrapporta lill-Bord Ġenerali permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija.

10. Il-minuti, l-attivitajiet u d-diskussjonijiet tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandhom ikunu kunfidenzjali.

*KAPITOLU VI****Is-Segretarjat tal-BERS****Artikolu 14***Kap tas-Segretarjat tal-BERS**

1. Il-Bord Ġenerali għandu jkun ikkonsultat fuq il-kandidat(i) magħżulin mill-BĊE għall-pożizzjoni ta' Kap tas-Segretarjat tal-BERS skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 1096/2010.

2. Persunal mis-Segretarjat tal-BERS jista' jirrappreżenta lill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS fil-laqgħat tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u kull laqgħa oħra, fejn xieraq, u jagħmilha ta' deputat kap f'każ tal-assenza tal-Kap tas-Segretarjat tal-BERS.

*Artikolu 15***Kompiti tas-Segretarjat tal-BERS**

1. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni u l-abbozzar tal-minuti tal-proċeduri tal-Bord Ġenerali u l-minuti tal-laqgħat kollha tal-Kumitat ta' Tmexxija rispettivament. Huwa għandu jkun responsabbli għall-abbozzar tal-minuti tal-laqgħat tal-kumitati konsultattivi.

2. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jassisti lill-Kumitat ta' Tmexxija fit-tħejjija tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija u tal-Bord Ġenerali; huwa għandu jassisti lill-presidenti tal-kumitati konsultattivi fit-tweqqif tal-kompiti rispettivi tagħhom.

▼B

3. Is-Segretarjat tal-BERS għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1096/2010 u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010. Fost dawn il-kompiti, is-Segretarjat tal-BERS għandu *inter alia*:

- (a) jaġixxi bħala koordinatur u jiffaċilita l-kooperazzjoni fi ħdan il-BERS u bejn il-BERS, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali, il-partijiet l-oħra tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja, u istituzzjonijiet rilevanti oħra f'livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali u jiżgura flussi ta' komunikazzjoni effiċjenti;
- (b) jikkontribwixxi għad-definizzjoni u r-reviżjoni tal-qafas makroprudenzjali kollu (għanijiet, għodod tal-politika, elementi operazzjonali) tal-BERS;
- (ċ) iwettaq analiżi u sintesi, iħejji noti għal diskussjoni mill-BERS, jappoġġja lill-Kumitat ta' Tmexxija, jikkunsidra l-kontributi tal-membri tal-BERS u jidentifika kwistjonijiet għall-kunsiderazzjoni;
- (d) jibni hili, b'kooperazzjoni mal-membri tal-BERS, dwar strumenti makro-superviżorji u jevalwa strumenti makroprudenzjali bħala bażi għal rakkomandazzjonijiet potenzjali dwar il-politika tal-BERS;
- (e) jikkontribwixxi għat-tħejjija u l-monitoraġġ tas-segwitu ta' twissijiet u rakkomandazzjonijiet;
- (f) iżomm ir-rekords u d-dokumenti tal-BERS, jamministra s-sit elettroniku tal-BERS u jieħu ħsieb il-korrispondenza tal-BERS;
- (g) jimmaniġġja r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani allokat i mill-BĊE lill-BERS skont l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1096/2010 u r-regoli rilevanti tal-BĊE.

*KAPITOLU VII****Il-BERS u s-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja****Artikolu 16***Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Bordijiet tas-Superviżuri tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej**

Il-President tal-BERS għandu jipparteċipa bħala rappreżentant li ma jivvotax tal-BERS fil-laqgħat tal-Bordijiet tas-Superviżuri tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew jista' jaħtar membru alternattiv.

*Artikolu 17***Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej**

1. Il-President tal-BERS għandu jipparteċipa bħala osservatur fil-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jew jista' jaħtar membru alternattiv.

2. Il-President tal-BERS għandu jaħtar lill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS jew rappreżentant sabiex jipparteċipa bħala osservatur fis-Sottokumitat dwar il-Konglomerati Finanzjarji jew sottokumitati oħrajn stabili mill-Kumitat Konġunt.

▼B

TITOLU 2

TWISSIJET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

*Artikolu 18***Attivitajiet ta' tħejjija**

1. Qabel l-adozzjoni ta' twissija jew ta' rakkomandazzjoni u bla ħsara għar-regoli xierqa dwar il-kunfidenzjalità, il-BERS jista':
 - (a) jibni fuq parir tekniku mingħand is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali, il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali;
 - (b) ifittex il-fehmiet tal-indirizzati potenzjali li mhumex irrappreżentati fil-Bord Ġenerali tal-BERS kif ukoll il-fehmiet tal-partijiet interessati rilevanti fis-settur privat;
 - (ċ) jikkunsidra x-xogħol ta' organizzazzjonijiet u organi internazzjonali tal-istabbiltà finanzjarja li qed iwettqu attivitajiet direttament relatati mal-kompiti tal-BERS.
2. Il-President tal-BERS jista' jistaqsi lill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u lill-Kumitat Tekniku Konsultattiv biex jagħtu l-parir tagħhom jew jagħtu assistenza..
3. Il-Bord Ġenerali jista' jispeċifika ukoll proċeduri għall-ħruġ ta' twissijiet u rakkomandazzjonijiet.

*Artikolu 19***Adozzjoni**

1. Twissijiet u rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu rraġunati b'referenza għad-daqs tar-riskju sistemiku, kif identifikat, ivvalutat u mogħti prijorità, sabiex jinkiseb l-għan assenjat lill-BERS fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.

▼M1

2. It-twissijiet u rakkomandazzjonijiet tal-BERS għandhom jiġu adottati mill-Bord Ġenerali u ffirmati mill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS biex jiċċertifika l-konformità tagħhom mad-deċiżjoni tal-Bord Ġenerali.

▼B

3. F'każ ta' parità, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv għall-adozzjoni tagħhom.
4. Kull deċiżjoni tal-Bord Ġenerali li tadotta twissija jew rakkomandazzjoni għandha tispeċifika jekk hijiex ser tibqa' kunfidenzjali jew tiġi ppubblikata. F'każ ta' parità, il-President għandu jkollu l-vot deċiżiv.
5. Twissijiet u rakkomandazzjonijiet li l-pubblikazzjoni tagħhom tkun ġiet deċiża mill-Bord Ġenerali għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BERS. Huma għandhom ikunu ppubblikati ukoll fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.



Artikolu 20

Segwitu ta' twissijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Bord Ġenerali għandu jiżgura l-monitoraġġ mill-BERS tas-segwitu għat-twissijiet u rakkomandazzjonijiet adottati mill-BERS. Huwa għandu jivvaluta ukoll l-azzjonijiet u l-ġustifikazzjonijiet meħuda u kkomunikati mill-indirizzati tar-rakkomandazzjonijiet tal-BERS.
2. Il-Bord Ġenerali għandu jiddeċiedi jekk rakkomandazzjoni tal-BERS ġietx segwita u jekk l-indirizzati naqsux milli jagħtu ġustifikazzjoni xierqa għan-nuqqas t'azzjoni tagħhom taħt l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010.
3. Il-Bord Ġenerali jista' jistieden lill-indirizzati ta' twissijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-BERS għal laqgħa tal-Bord Ġenerali biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom qabel jew wara l-adozzjoni ta' dawn it-twissijiet jew rakkomandazzjonijiet. Il-Bord Ġenerali għandu jikkunsidra b'mod xieraq dawn il-fehmiet.

Artikolu 21

Talbiet speċifiċi

Risposti tal-BERS għal stedinet mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, taħt l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, biex jeżamina kwistjonijiet speċifiċi, għandhom bħala regola jsiru pubbliċi.

TITOLU 3

OPERAZZJONI

Artikolu 22

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni tal-BERS

1. Is-Segretarjat tal-BERS għandu jikklassifika u jiġġestixxi l-informazzjoni u d-dokumenti relatati mal-BERS skont ir-regoli interni tal-BĊE u kwalunkwe regoli supplimentari dwar il-kunfidenzjalità adottati mill-BĊE u/jew il-BERS għall-finijiet tal-funzjonament tal-BERS skont ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 u r-Regolament (UE) Nru 1096/2010.
2. Il-Bord Ġenerali għandu jadotta kull miżuri meħtieġa sabiex jiżgura l-applikazzjoni tar-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għal kull persuna li taħdem jew li haċmet għal jew b'konnessjoni mal-BERS.
3. Il-minuti tal-Kumitat ta' Tmexxija, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u l-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandhom ikunu disponibbli għall-membri tal-Bord Ġenerali.

Artikolu 23

Post tal-laqgħat

Il-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv u l-Kumitat Tekniku Konsultattiv għandhom normalment iżommu l-laqgħat tagħhom fil-bini tal-BĊE.

▼B*Artikolu 24***Sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

Il-Bord Ġenerali jista' jistabbilixxi regoli interni sabiex jiffaċilita t-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kontinwità tal-operat f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Dawn ir-regoli għandhom sa fejn possibbli jirrispettaw dawn ir-Regoli tal-Proċedura.

*Artikolu 25***Konsultazzjonijiet pubbliċi u seduti**

1. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u fejn xieraq, il-BERS jista' jagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi li jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu. Il-BERS għandu jippubblika r-riżultati tal-proċedura ta' konsultazzjoni fuq is-sit elettroniku tiegħu.

2. Il-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv u l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv jistgħu jagħmlu seduti pubbliċi jew mhux pubbliċi. Partijiet interessati jew esperti li għandhom jiġu intervistati f'seduta għandhom jintgħażlu b'mod mhux diskriminatorju biex jindirizzaw sew sitwazzjonijiet speċifiċi.

*Artikolu 26***Kodiċi ta' Kondotta**

Il-Bord Ġenerali għandu jadotta Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Bord Ġenerali, il-Kumitat ta' Tmexxija, il-Kumitat Tekniku Konsultattiv u l-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv sabiex titkattar il-fiduċja fl-integrità tal-BERS. Il-Kodiċi ta' Kondotta għandu jkun ippubblikat fis-sit elettroniku tal-BERS.

*Artikolu 27***Strumenti legali****▼M2**

1. L-istrumenti legali tal-BERS għandhom jiġu adottati mill-Bord Ġenerali u ffirmati mill-Kap tas-Segretarjat tal-BERS biex jiċċertifika l-konformità tagħhom mad-deċiżjoni tal-Bord Ġenerali.

1a. L-istrumenti legali kollha tal-BERS għandhom jiġu enumerati b'mod sekwenzjali għal identifikazzjoni faċli.

1b. Is-Segretarjat tal-BERS għandu jieħu passi biex jiżgura:

(a) il-kustodja sigura tal-oriġinali tal-istrumenti legali tal-BERS;

(b) in-notifika tal-indirizzati;

(c) fejn ikun xieraq, il-pubblikazzjoni fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-istrumenti legali tal-BERS li l-pubblikazzjoni tagħhom ġiet espressament deċiża mill-Bord Ġenerali.

▼B

2. Il-prinċipji tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-15 ta' April 1958 ⁽¹⁾ għandhom japplikaw għall-atti legali tal-BERS.

⁽¹⁾ ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58.



Artikolu 28

Skambju ta' informazzjoni

1. Il-Bord Ġenerali għandu jadotta deċiżjonijiet relatati mal-ġbir ta' informazzjoni skont Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 u Artikoli 2 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 1096/2010.

2. Il-ftehim imsemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 u kull ftehim ieħor ma' istituzzjonijiet jew awtoritajiet oħra relatat mal-iskambju ta' informazzjoni, inkluża informazzjoni kunfidenzjali, għandhom ikunu approvati mill-Bord Ġenerali u ffirmati mill-President tal-BERS f'ismu.

Artikolu 29

Rapport Annwali

Il-Bord Ġenerali tal-BERS għandu jadotta u jippubblika r-rapport annwali tal-BERS.

Artikolu 30

Komunikazzjoni, tħabbir u pubblikazzjonijiet

Il-komunikazzjoni ġenerali u t-tħabbir ta' deċiżjonijiet meħuda mill-BERS jistgħu jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-BERS, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew permezz ta' servizzi bil-wajer komuni għal swieq finanzjarji jew kwalunkwe mezz tax-xandir ieħor. Il-pubblikazzjonijiet tal-BERS għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-BERS fejn xieraq.

Artikolu 31

Djalogu mal-Parlament Ewropew

Il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 għandu jkun approvat mill-Bord Ġenerali u ffirmat mill-President tal-BERS f'ismu.